

31978D0688

24.8.1978

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 233/15

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**tal-25 ta' Lulju 1978****li tistabbilixxi Kumitat Konsultattiv dwar it-Taħriġ tad-Dentisti Prattikanti**

(78/688/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidra l-abbozz tad-Deċiżjoni sottomess mill-Kummissjoni,

Billi, fir-reżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Ġunju 1974 li tikkonċerna r-rikonoxximent reċiproku ta' diplomi, ċertifikati u evidenza oħra ta' kwalifiki formali, il-Kunsill iddikjara ruħu favur l-istabbiliment ta' kumitati konsultattivi;

Billi, fil-kuntest tar-rikonoxximent reċiproku ta' diplomi, ċertifikati u evidenza oħra ta' kwalifiki formali fid-dentistrija, hu importanti li jiġi assigurat *standard* ta' taħriġ għoli komparabbli;

Billi, b'kontribuzzjoni għall-kisba ta' dan l-oġġettiv, hu mixtieq li jiġi stabbilit Kumitat Konsultattiv biex jagħti pariri lill-Kummissjoni,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Kumitat Konsultattiv dwar it-Taħriġ tad-Dentisti Prattikanti, hawnhekk iżjed il-quddiem imsejjaħ "il-Kumitat", għandu jiġi stabbilit fi ħdan il-Kummissjoni.

Artikolu 2

1. Il-kompitu tal-Kumitat għandu jkun li jgħin jassigura standard ta' taħriġ għoli kumparabbli għall-dentisti prattikanti fil-Komunità, fir-rigward kemm tat-taħriġ ta' dentisti prattikanti u kemm dak ta' prattikanti fid-dentistrija speċjalizzata.

2. Għandu jwettaq dan il-kompitu, b'mod partikolari, permezz tal-mezzi li ġejjin:

— skambjar ta' informazzjoni komprensiva dwar il-metodi ta' taħriġ u l-kontenut, il-livell u l-istruttura ta' korsijiet teoretiċi u prattiċi provduti fl-Istati Membri.

— diskussjoni u konsultazzjoni bl-għan li jiġu żviluppati approċċi komuni għall-istandard li għandu jintlaħaq fit-taħriġ ta' dentisti prattikanti u, kif ikun xieraq, għall-istruttura u l-kontenut ta' dan it-taħriġ.

— jinżamm taħt reviżjoni l-adattament tat-taħriġ tad-dentisti prattikanti għall-iżviluppi fix-xjenza dentarja u l-metodi ta' taġħlim.

3. Il-Kumitat għandu jikkomunika lill-Kummissjoni u l-Istati Membri l-opinjoni u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu inklużi, meta jikkunsidrah xieraq, suġġerimenti biex isiru emendi lill-Artikoli li għandhom x'jaqsmu mat-taħriġ tad-dentisti prattikanti fid-Direttivi 78/686/KEE ⁽¹⁾ u 78/687/KEE ⁽²⁾.

4. Il-Kumitat għandu wkoll jagħti konsulenza lill-Kummissjoni fuq kwalunkwe kwistjoni li l-Kummissjoni tista' tirreferi lilu fejn għandu x'jaqsmu it-taħriġ tad-dentisti prattikanti.

Artikolu 3

1. Il-Kumitat għandu jikkonsisti fi tliet esperti minn kull Stat Membru, kif ġej:

- espert li jeżerċita l-professjoni tad-dentistrija,
- espert mill-fakultajiet rilevanti ta' l-universitajiet jew istituzzjonijiet komparabbli,
- espert mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru.

2. Għandu jkun hemm sostitut għal kull membru. Is-sostituti jistgħu jattendu l-laqgħat tal-Kumitat.

3. Il-membri u s-sostituti msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jiġu nominati mill-Istati Membri. Il-membri msemmija fl-ewwel u t-tieni inċiżi tal-paragrafu 1 u s-sostituti taġħhom għandhom ikunu nominati fuq il-proposta tal-professjoni prattikanti u l-fakultajiet rilevanti ta' l-universitajiet jew istituzzjonijiet komparabbli. Il-membri u s-sostituti hekk innominati għandhom ikunu maħtura mill-Kunsill.

⁽¹⁾ Ara l-paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali

⁽²⁾ Ara l-paġna 10 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali

Artikolu 4

1. Il-mandat ta' membru tal-Kumitat għandu jkun ta' tliet snin. Wara li jiskadi dan il-perjodu l-membri tal-Kumitat għandhom jibqgħu fil-kariga sakemm ma jsirx provvedimenti għas-sostituzzjoni tagħhom jew il-mandat tagħhom ikun imġedded.

2. Il-mandat ta' membru jista' jispiċċa qabel ma jiskadi l-perjodu ta' tliet snin minħabba r-riżenja jew il-mewt tal-membri, jew is-sostituzzjoni tiegħu b'persuna oħra, skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 3. Din il-ħatra għandha tkun għall-bqija tal-mandat.

Artikolu 5

Il-Kumitat għandu jeleġġi president u żewġ deputati presidenti mill-membri tiegħu stess. Għandu jadotta r-regoli tiegħu ta' proċedura. L-aġenda għal-laqgħat għandha titfassal mill-president tal-Kumitat f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni.

Artikolu 6

Il-Kumitat jista' jistabbilixxi gruppi ta' ħidma, u jistieden u jippermetti osservaturi jew esperti jassistuh f'konnessjoni ma' l-aspetti speċjali kollha tal-ħidma tiegħu.

Artikolu 7

Is-servizzi tas-segretarjat għall-Kumitat għandhom ikunu provduti mill-Kummissjoni.

Magħmula fi Brussel, fil-25 ta' Lulju 1978.

Għall-Kunsill

Il-President

K. VON DOHNANYI